MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Numru 23/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Anthony Seychell**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 23 tas-sena 2006 kontra l-akkuzat Anthony Seychell, li bih huwa gie akkuzat talli:

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi f'xi zmien fil- granet u x-xhur ta' qabel il-25 ta' Gunju tas-sena elfejn u erbgha (2004), l-akkuzat Anthony Seychell iddecieda li jibda jikkoltiva l-pjanta cannabis. Huwa akkwista xi zerriegha ta' din il-pjanta w zeraghhom fi qsari fir-residenza tieghu fi Triq Santa Maria fiz-Zejtun. Seychell kien jikkura w jsaqqi dawn il-pjanti w kien ferm organizzat f'dan l-operat illegali tieghu tant li fir-residenza msemmija nstabu kemm kamra qisha *workshop* kif ukoll il-pjanta cannabis f'diversi stadji tal-process taghha. Fortunatament dan l-operat gie skopert fil-25 ta' Gunju, 2004 u fil-fatt nstab fil-pussess

tieghu kwazi tlett kilos u nofs pjanta tal-cannabis u weraq niexef ta' l-istess pjanta li kien jikkultiva, liema droga ghandha *street value* ta' izjed minn tlett-elef lira Maltin (LM3,000).

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Anthony Seychell sar hati talli kkoltiva l-pjanta cannabis.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Seychell talli kkoltiva l-pjanta cannabis.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(c), 9, 10(1), 12 u 22(1)(a)(2)(a)(i)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

2) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fil-25 ta' Gunju, 2004, wara tfixxija li ghamlu l-Pulizija fic-cirkostanzi ndikati fl-ewwel kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-akkuzat Anthony Seychell instab fil-pussess ta' kwazi tlett kilos u nofs pjanta tal-cannabis u weraq niexef ta' l-istess pjanta. L-akkuzat kien jaghmel uzu minn ammonti zghar minn din id- droga, izda l-maggor parti taghha kienet tigi mibjugha, prokurata w fornuta lil terzi persuni.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Anthony Seychell sar hati talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w

meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem imsemmi akkuza lill-imsemmi Anthony Seychell talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorita' moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru w multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,00 u l-konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w ir-regoli 4(a), 8 u 9 tar-

Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta’ l-1939), u fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, unanimament sabu lill-akkuzat hati skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza w b’sebgha (7) voti kontra tnejn (2) sabuh hati tat-tieni kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Anthony Seychell, hati:

1. talli f’xi zmien fil-granet u x-xhur ta’ qabel il-25 ta’ Gunju, 2004, ikkoltiva l-pjanta cannabis, u dana skond l-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza.
2. talli fil-25 ta’ Gunju, 2004, kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja moghtija mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha w ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b’xi awtorita’ moghtija mill-Ministru responsabbli ghas- Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b’dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il- pussess ma kienx ghall-uzu eskluzziv tieghu, w dana skond it-tieni Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza.

Semghet ix-xhieda ta’ Victoria Scicluna, rapprezentanta tas-Sedqa fil-Qorti li ddeskriviet fid-dettal il-kuntatti li l-hati kellu mas-Sedqa mill-25 ta’ Jannar, 2005 sal-lum.

Rat ukoll ir-rapport ta’ Dr. Sandra Darmanin Dok. A esebit a fol. 10 tal-Atti Akkuza li ghalih saret referenza f’din ix-xhieda.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Tonio Azzopardi ssottometta li :-

1. Illi l-hati kellu *“background”* problematiku w kien ibaghti minn ugiegh qawwi f’dahru li ma kienx ihallih jorqod u din hija cirkostanza specjali li kellha tittiehed in konsiderazzjoni ghal fini tal-mitigazzjoni tal-piena.
2. Li meta l-Pulizija marru fuq il-post biex jaghmlu t-tfixxija, l-hati ma fixkilhomx.
3. Li l-hati wera s-sobgha tieghu ghal dak li ghamel u din stqarraha anki fil-kors tal-guri.
4. Li fi stadju opportun tal-process id-difiza rregistrat ammissjoni fuq l- Ewwel Kap u b’hekk iffacilitat il-kompitu tal-gurija w tal-Qorti f’dan il- kaz.
5. Li l-hati diga’ baghatha hafna f’hajjtu.
6. Li kellha tinzamm certa relattivita’ bejn il-piena li kienet ser tinghata lill- hati w dik li nghatat f’kazijiet ohrajn.

L-abbli prosekutur Dr. Nadine Sant invece ssottomettiet li :-

1. Illi dwar il-kooperazzjoni tal-hati jigi rilevat li dan m’ammettix qabel ma gie ffurmat il-guri w ammetta biss wara li mix-xhieda tieghu stess harget cara l-htija dwar l-Ewwel Kap.
2. Illi ma jistax jinghata messagg lis-socjeta’ li din id-droga kkontrollata bil- ligi tista’ qatt tintuza ghal xi fini terapewtiku jew medicinali.
3. Illi l-hati nstab hati ta’ pussess aggravat u allura l-Qorti kellha tqis il- potenzjal tal-hsara li d-droga, li parti minnha kienet diga’ lesta biex titqassam, kienet se tikkaguna fis-socjeta’.
4. Li l-kwanitita’ tad-droga maqbuda kienet wahda sostanzjali ta’ tlett kilos u nofs.

5. Illi l-hati kien gja gie kkundannat ghal reat ta' pussess tal-cannabis fl- 1983 u minn din l-esperjenza ma tghallem xejn ghaliex mill-pussess umbaghad ghadda ghall-koltivazzjoni tal-istess droga.
6. Illi sal-lum stess irrizulta mix-xhieda prodotta mid-difiza Victoria Scicluna li addirittura, fl-24 ta' Mejju, 2005 , inqas minn sena wara li kien gie arrestat mill-Pulizija fuq dan il-kaz, kien rega' ttestja posittiv ghall-istess droga cannabis.
7. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet qed titlob il-piena massima f'dan il- kaz.

Ikkonsidrat

Qieset li skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa)(bb) tal-Kap.101, meta l- Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, jew meta l-verdett tal-guri ma jkunx unanimu, l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlitt mija w disgha w ghoxrin Ewro u sebgha w tletin centezmu (Eur.2329.37c), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, izda mhux izjed minn mija w sittax il-elf, erba mija u tminja w sittin Ewro u seba w sittin centezmu (Eur.116,468.67c), ekwivalenti ghal hamsin elf lira.

Qieset ukoll il-kondotta tal-hati.

Rat il-verbal li bih il-prosekuzzjoni w id-difiza qablu li, ghall-fini tal-piena, r-reat taht it-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza ghandu jkun assorbit fir-reat taht l-Ewwel Kap, stante li serva bhala mezz ghall-fini biex setgha jigi kommess dak ir-reat u dana skond l-Artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali.

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm

certu proporzjon u relativita’ fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita’ tar-reat, in kwantu l-kwantita’ w purita’ tad-droga, ir-recidivita' o meno, il-fedina penali, meta ma jkunx hemm ammissjoni bikrija, w b' mod specjali meta ikun jew ma jkunx applikabbli l-artikolu 29 tal-Kap. 101, kif inhu f' dal-kaz u dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita’ w relativita’ f’sentenzi li jirrigwardaw din il-materja.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8 (c)(d), 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(aa)(3)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regoli 4(a), 8 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (G.N. 292 ta’ l-1939) u l-Artikoli, 23, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati Anthony Seychell ghall-piena ta’ tnax (12) il-sena prigunerija, b’dana li minn dan il-periodu jrid jinqata’ kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta’ hamsa w ghoxrin elf Ewro (Euro. 25,000) u, jekk din il-multa ma tithallasx minnufieh, tigi awtomatikament konvertita fi’ tmintax (18) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas is-somma ta’ tlett elef, sitt mija w tnejn u hamsin Ewro u centezmu (€ 3652.01), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga esebita a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm, fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta,

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------